Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Ryan Frank Xerri

Vs

Recowatt Co Ltd

CCT 19/24/CC

Illum 24 ta' Settembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2024, fejn talab *inter alia* r-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €2,525.50c (elfejn, ħames mija u ħamsa u għoxrin ewro u ħamsin centezmu) rappreżentanti valur ta' *solar water heater*, li mhux qed jiffunzjona tajjeb.

Ra illi fi-seduta datata 9 ta' April 2024, l-attur xehed li huwa kien qiegħed jitlob ammont ta' €2,400 (elfejn u erba' mitt ewro), minflok l-ammont speċifikat fit-talba.

Ra li s-socjeta intimata Recowatt Co. Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ippreżentat l-ebda risposta, u għalhekk tinsab fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata għal produzzjoni tal-provi, deher l-attur li ddepona *viva voce,* u ma deher ħadd in rappreżentanza tas-socjeta intimata, li ma ħadet l-ebda azzjoni sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja tagħha.

Sussegwentement, fis-26 ta' April 2024, is-socjeta intimata intavolat rikors sabiex tippreżenta nota ta' sottomisjonijiet, liema talba giet milqugha ai termini ta' digriet datat 30 ta' April 2024.

Illi t-Tribunal akkorda termini lil entrambi l-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomisjonijiet tagħhom.

Ra n-noti ta' sottomisjonijiet intavolati minn entrambi l-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-attur xtara propjeta li kien hemm installat *solar water heater*, li kien gie installat fis-sena 2020. F'Marzu tas-sena 2022 l-attur beda jirrisjedi f'din il-propjeta, u huwa ikkuntatja lis-socjeta intimata sabiex jintbaghat tekniku u jivverifika s-*solar water heater.*

Illi jirrizulta li in segwitu li t-tekniku ecceda fil-propjeta ta' l-attur u saru l-verifiki necessarji, gie ikkonfermat li s-*solar water heater* kien qieghed jiffunzjona tajjeb.

Sussegwentement, f'Novembru 2023 irrizulta li s-*solar water heater* ma bediex isahhan u in vista ta' dan, l-attur ikkuntatja lis-socjeta intimata. L-attur jispjega li l-istess tekniku li kien ecceda fil-propjeta tieghu sena qabel, rega' gie u wara li saru l-verifiki necessarji, irrizulta li kien ittaqqab it-tank.

Illi l-attur jispjega li huwa gibed l-attenzjoni li s-*solar water heater* kien kopert b'garanzija ta' hames snin, u ghalhekk il-hsara li irrizultat kellha tkun koperta mill-istess garanzija. Madakollu, l-attur gie infurmat mis-socjeta intimata li l-garanzija ma kienetx ser tkopri tali hsara, peress li ma kienx inghata *service* fuq is-*solar water heater* fl-ewwel sentejn.

Illi jirrizulta li l-attur ipprezenta *inter alia,* skambju ta' emails bejnu u r-rapprezentant tas-socjeta intimata, kif ukoll kopja tal-garanzija li saret ma' l-ewwel xerrej, li ma huwiex parti minn dawn il-proceduri.

Illi t-Tribunal jirrileva li ghalkemm it-talba ta' l-attur tirrelata ma' l-ammont totali tas-*solar water heater*, mill-provi jirrizulta li s-*solar water heater* huwa parti minn sistema akbar, u ghalhekk, it-Tribunal ser jiehu in konsiderazzjoni wkoll ta' dan il-punt.

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti, u wara li sema' lil attur jixhed fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur hija gustifikata u ghandha timmerita konferma, izda mhux fl-ammont intier riklamat minnu. Dan jinghad in vista tal-fatt li l-ammont riklamat jinkludi komponenti li attwalment jiffunzjonaw tajjeb. Inoltre t-Tribunal josserva li l-attur fis-sena 2022, ghamel dak kollu li seta' fil-kapacita tieghu, meta huwa beda jirrisjedi fil-propjeta tieghu u *di scienza propria* ikkuntatja lis-socjeta intimata sabiex tibghat tekniku u jsiru l-verifiki necessarji fuq is-*solar water heater.*

Ghaldaqstant, it-Tribunal tenut kont tal-premess, qieghed *arbitrio boni viri* jistabilixxi l-ammont ghal €1,100 (elf u mitt ewro) li s-socjeta intimata ghandha thallas lil attur sabiex tkun tista tigi rimedjata l-hsara fis-*solar water heater.*

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attur irnexxielu jipprova l-istanza avvazata minnu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba ghandha tigi milqugha limitatament ghal ammont ta' €1,100 (elf u mitt ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' limitatament t-Talba avvanzata mill-attur, u jordna lis-socjeta intimata thallas lil attur is-somma ta' €1,100 (elf u mitt ewro), ghandha thallas lil attur sabiex tkun tista tigi rimedjata l-hsara fis-*solar water heater*.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru